MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Numru. 554/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Ludvic Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ludvic Camilleri ta’ 35 sena mwieled fis-17 ta’ Marzu 1976, Pieta’, bin Anthony u Rita nee’ Mifsud u residenti f’ no 382 Manor Court Block F Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 167476(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta’ Awwissu 2010 f’San Pawl il-Bahar f’xi hin bejn nofs il-lejl u s-saghtejn ta’ wara nofs inhar ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Svetlana Datsyuk skond ma ccertifika Dr Karl Spiteri MD Reg no 5252 (Ch 9 Section 218).

Wettaq reat waqt diversi sentenzi operattivi liema sentenzi inhargu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa ta' aktar minn tlieta u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€23.30) u anqas minn mitejn tlieta u tletin ewro (€233) ghad-dannu ta' Svetlana Datsyuk.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Marzu 2012 (esebita a fol. 70 process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b. fl-artikoli 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
e. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2012, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-22 ta' Awwissu 2010 il-Pulizija tal-Ghassa tal-Qawra rcevew rapport minghand Svetlana Datsyuk, tfajla ta' nazzjonalita' Ukrajina fejn hija sostniet li dakinhar stess fis-sighat bikrin ta' filghodu il-partner taghha, Ludvic Camilleri kien sawwatha waqt li huma kienu qeghdin jiehdu drink fil-Flamingo Bar, Bugibba ghall-habta tal-5.00am u qalet ukoll li huwa kien hadilha madwar €55 mill-handbag taghha. Hija nfurmat lil Pulizija li hija kienet tghix mal-imputat u mal-gentiuri tieghu u li huma kellhom tarbija flimkien. Hija ttiehdet l-Isptar fejn giet certifikata li kellha tbengil f'idejha u qatgha fuq mohha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imsemmija Svetlana Datsyuk xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2011 fejn hija qalet li ma kienet tiftakar xejn dwar dak li rrapurtat lil Pulizija ghaliex dakinhar kienet xorbot hafna u kienet fis-sakra  Hija ftakret biss li l-imputat u hi kellhom argument waqt li kienu f'bar u li marru d-dar separatament izda qalet li ma tiftakarx ezatt kif gew kagunati il-griehi li kellha f'wiccha u ma eskluditx li setghat waqghet u wegghat minhabba li kienet fis-sakra. L-imsemmija xhud l-anqas ma ftakret li kienet qalet lil Pulizija li l-imputat hadilha xi flus mill-handbag. Hija ziedet tghid li llum il-gurnata hi u l-imputat ghandhom relazzjoni tajba u huma kuntenti flimkien.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija[1] fejn indika li hu u Svetlana kellhom argument ghaliex hija kienet qed tixrob hafna u kienet fis-sakra u huwa riedha tmur id-dar. Huwa jghid li gibidha minn idejha sabiex jitilqu mill-bar u jghid li hija setghat wegghat ghaliex zelqet minhabba li kienet fis-sakra izda jeskludi li kien hu li kkagunalha xi griehi.  L-imputat innega wkoll li kien ha l-flus mill-baskett taghha.

[1] Inserita a fol.  30 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz b’mod partikolari x-xhieda ta’ Svetlana Datsyuk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u dan ghaliex mix-xhieda tal-allegata vittma bl-ebda mod ma jirrizulta li l-griehi minnha sofferti effettivament gew kagunati mill-imputat anzi hija ma teskludix li dawn effettivament setghu gew kagunati minhabba li hija kienet fis-sakra. L-allegata vittma fil-fatt tindika li l-griehi li hija kellha setghu gew kagunati bil-moghod indikat mill-imputat fl-istqarrjia minnu rilaxxjata. Il-Qorti ghalhekk ma tistghax issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------